MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 206/2011

**Il-Pulizija
(Spt. Anthony Agius)
Vs
Victor Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Coralline Stone Malta Limited (C 28298) ghas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ April, 2011, li biha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-appellat u ddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta’ l-appellat preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta’ April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tipprovdi u tiddeciedi li l-azzjoni kriminali mhix preskritta w tghaddi sabiex tiddeciedi l-mertu tal-kawza billi ssib l-appellat hati tal-akkuza migjubda kontrih u jinghata piena adegwata.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti laqghat it-talba ta’ l-appellat li l-azzjoni migjuba kontra tieghu hija preskritta la darba huwa kien irrezenja mill-kariga ta’ direttur tal-kumpanija Corolline Stone Malta Limited ghall-perjodu ta’ aktar minn sentejn qabel ma nbdew il-proceduri kontra tieghu.

Illi l-Qorti ddecidiet li fil-kaz in ezami l-appellat irrezenja mill-kariga ta’ direttur tas-socjeta` Corolline Stone Malta Limited (C28298) fis-6 ta’ Lulju, 2007 meta huwa ma baqghax f’posizzjoni li jagixxi f’isem is-socjeta` hawn fuq imsemmija.

Illi s-sentenza ta’ din il-Qorti hija bbazzata fuq ir-ragunament li ghalkemm ir-reat ghadu ma giex ikkunsmat u l-istat antiguridiku naxxenti minn dan in-nuqqas ghadu jezisti u la darba l-appellat irrezenja minn direttur tal-kumpanija Corolline Stone Malta Limited, il-proceduri kontra tieghu ai termini tal-artikolu 23(13) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372) u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 setghu jingiebu fi zmien sentejn mid-data tar-

rezenja w dawn il-proceduri gew intavolati wara li ghadda dan il-perjodu.

Illi bir-rispett kollu l-esponent ma jaqbilx ma dawn ir-ragunijiet meta jigi annalizat l-istess Kap. 372.

Illi l-artikolu 23(13) tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) taghmel referenza ghall-“kull persuna li tikser jew tonqos li thares id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu jew ta’ xi regoli msemmija fis-subartikolu (1) ....” u fil-kaz in kwistjoni, l-appellat kiser id-disposizzjonijiet tal-ligi u ghadu qed jikser dawk ir-regolamenti la darba ghadu sallum ma ssottomettiex il-formoli tal-FS5 (bil-hlas bejn Settembru tas-sena 2004 sa’ Lulju tas-sena 2007 f’liema perjodu kien direttur tal-kumpanija fuq imsemmija.

Illi jinghad ukoll li l-proviso tal-istess artikolu jkomplu jghid li “.... ukoll ir-reat taht dan l-artikolu jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma’ w hares id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu jew ta’ kull regola msemmija fih”.

Illi r-reat jista` jitqies ikkunsmat u ezawrit meta l-ommissjoni tigi effettivament rimedjata w l-preskrizzjoni tista` tiddekorri biss minn meta jkun hemm tali rimedju. Huwa car li fil-kaz in kwistjoni li r-reat ghadu ma giex kkonsumat mill-persuna li wettqet din l-ommissjoni peress li ghad hemm formoli tal-FS5’s (bil-hlas rispettiv) neqsin.

Illi l-fatt li ghad hemm formoli tal-FS5 bejn Settembru tas-sena 2004 sa’ Lulju tas-sena 2007 neqsin, ir-reat kkontemplat mill-artikolu 23 tal-Kap. 372 ghadu ma giex ikkunsmat u l-preskrizzjoni ma bdietx tiddekorri minhabba l-fatt li l-preskrizzjoni kkontemplata fil-Kap 9 hija marbuta mar-reat u mhux mad-data tar-rrezenja tal-persuna mill-post ta’ direttur.

Illi jidher bic-car li l-appellat ghad ghandu r-responsabilta` li jissottometti l-formoli kollha bil-hlas rispettiv ghall-perjodu li fih kien direttur tal-kumpanija Corolline Stone Malta Limited.

Illi ghaldaqstant jinghad illi l-Qorti qatt ma setghet tilqa` l-eccezzjoni sollevata dwar il-preskrizzjoni u kellha tkompli tipproceda sabiex tezamina l-fatti tal-kaz u tiddikjarah hati.

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta' l-Avukat Generali wara s-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati fit-8 ta' April 2011 dikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellant preskritta peress illi fit-13 ta' Lulju ta' l-2007 l-appellant ma baqax aktar direttur tas-socjeta inkwistjoni u quindi ma kienx f'pozizzjoni illi ottempra ruhu mal-Ligi. Peress li ghaddew aktar minn sentejn mid-data fuq imsemmija, il-Qorti iddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellant preskritta. Dan ukoll huwa ragunament tad-difza fejn argumentat illi l-appellant kien fl-impossibilta guridika sabiex huwa jagixxi ghan-nom tal-kumpanija u ma kellux ir-rigni taghha f'idejjha bhal ma lanqas ma kellu access ghad-dokumenti tal-kumpanija. Kien ghal kollox estranju ghaliha u ma kienx f'pozizzjoni illi jaghmel xejn ghan-nom taghha. Illum pero is-sitwazzjoni hija different peress illi l-appellat jista' jitkellem ghal kumpanija u fil-fatt wasal f'arrangament mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni liema arrangament qed jigi attwat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellat huwa d-direttur tal-kumpanija Caroline Stone Malta Limited (C28298) u gie akkuzat illi naqas li jibghat il-formoli tat-Taxxa ghas-snin 2004, 2005, 2006 u 2007. Fit-13 ta' Lulju, 2007 baghat ir-rizenja tieghu minn direttur tal-kumpanija. Pero fit-30 ta' Novmebru ta' l-2011 sar arrangament bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-appellant sabiex ihallas ratealment bl-ewwel pagament li kellu jsir fit-30 ta' Dicembru 2011 u hawn qieghed l-argument principali ta' l-Avukat Generali. Il-fatt li direttur jirrizenja qabel ma jwettaq l-obbligi tieghu, ipoggi ir-reat mhux ikkunsmat. Argumenta li ma jistax ikun li direttur darba jirrezenja jigi ezonorat mill-obbligu tieghu versu il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jkun precident perikoluz jekk dan jigi kkonfermat mill-Qorti. Direttur li jirrezenja volontarjament, volontarjament jaghlaq

il-bieb biex jottempra ruhu mal-Ligi. U ta' dan m'ghandux jigi ippremjat.

Ikkunsidrat:

Hemm zewg kwistjonijiet partikolari x'jigu ventilati minn din il-Qorti qabel ma tidderimi din il-kwistjoni ta' preskrizzjoni. L-ewwel hija jekk ir-reati kontemplati taht il-Kap 372 humiex reat stantanji jew permanenti u it-tieni sa fejn direttur li ma jkunx fil-kariga, jibqa' responsabbli ghal obbligazzjonijiet assunti minnu versu il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Rigward l-ewwel kwistjoni, il-Qorti tirrileva illi dan il-kaz huwa partikolari ghaliex titratta ta' "lex specialis" u ghal hekk ghandhom japplikaw it-termini ta' l-istess ligi u l-proviso ta' l-Artiklu 23 (12) tal-Kap 372 jitkellem car u jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda' ghaddej qabel ma' dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Dan ifisser quindi illi direttur fil-kariga jibqa' responsabbli versu il-Kummissarju ta' t-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-returns u dokumenti lil l-istess Kummissarju. U r-reati kontemplati fil-Kap 372 ghandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqghu hekk sakemm id-direttur u l-persuna koncernata totempra ruha mal-Ligi u tibghat l-informazzjoni rikjesta lil Kummissarju. It-tieni kwistjoni hija sa fejn id-direttur jibqa' responsabbli versu il-Kummissarju tal-VAT anke meta ma jkunx ghadu direttur tal-Kumpanija. Hawn hekk l-appellat fid-difiza tieghu qieghed jecepixxi dik ta' impossibilita. Argumenta illi la darba ma baqax direttur tal-kumpanija, ma kellux aktar access ghad dokumenti u kotba tal-kumpanija kien fl-impossibilta li jottempra ruhu mal-Ligi.

Ikkunsidrat:

Fil-waqt li din l-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiza ta' impossibilta hija accettata fis-sistema Guridika taghna, bhala regola generali, din id-difiza tista' tigi mqajjma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibbilta fizika illi jottempra ruhu mal-Ligi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' "self inflicted impossibility", din id-difiza ma tistax treggi. Il-proviso ta' l-Artiklu 23 (13) jipprovdi illi

r-reat jibqa' jezisti <u>'sakemm min jaghmel ir-reat'.</u> Dawn il-kliem iffissru illi r-responsabbilita tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabbilita li jottempra ruhu mal-provedimenti tal-Kap 372 fuq imsemmi, jibqa' responsabbli versu il-Kummissarju anke wara li jkun spicca minn direttur. Peress li l-kliem 'min jaghmel ir-reat' ma fiha l-ebda defenizzjoni partikolari ta' kariga irrespettivament jekk dak li jkun ikunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur, allura jkollu l-obbligu li jipprova fi grad ta' probabilita illi hu kien fl-impossibilita li jottempra ruhu mal-Ligi minhabba raguni jew l-ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikolari volontarjament allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-Ligi u fil-konfront tieghu il-preskrizzjoni ma taplikax u l-proviso ta' l-Artiklu 23 (13) tal-Kap 372 jibqa' jissusisti fil-konfront tieghu. Jekk min-naha l-ohra, direttur jimrad b'tali mod illi jkun fl-inkapacita illi jottempra ruhu mal-Ligi jew inkella kontra l-volonta tieghu tnehha minn direttur qabel ma jkun jista' jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l-appellant ikun jista' jqajjem success id-difiza ta' impossibilta.
Pero din il-prova irid igiba l-appellat jew id-direttur ikkoncernat li juri lil Qorti, almenu sal-grad ta' probabilita, illi huwa kien fl-impossibilta li jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissajru tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-appellat jew id-direttur jibqa' responsabbli ghat-terminu ndikat fil-komparixxi ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap 372 huma ta' reat, ta' natura permanenti.

Irrizulta mill-Atti illi l-appellat irrizenja fit-13 ta' Lulju, 2007. Izda c-cirkostanzi ta' din ir-rizenja ma irrizultawx jew ma gewx dibattuti quddiem l-ewwel Qorti. Pero zgur ma jistax jinghad li l-azzjoni fil-konfont ta' l-appellant hija preskritta. Din il-Qorti sejra tilimita din id-decizjoni ghal din id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' preskrizzjoni u m'hijix ser tidhol fil-meritu biex dan jigi dibattut quddiem l-ewwel Qorti sabiex jigi salvagwardat id-dritt ta' doppju ezami.

Ghal hekk tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-8 t'April

2011, tiddikjara l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellat bhala mhux preskritta u tordna l-kawza tigi rimessa lil Qorti tal-Magistrati biex tkompli tinstema dwar il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------